**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 93 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Robert Vella)**

**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Roderick Cilia**

Illum 30 ta' Gunju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Roderick Cilia, ta' 40 sena, iben Anthony Cilia u Mary xebba Fenech, imwieled il-Pieta`, nhar l-20 ta' Jannar, 1978 u residenti gewwa St. Joseph Court, Flat 1, Triq Sebastjan Saliba, Ghaxaq, detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 100678 (M) , akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Bejn il-perjodu tal-20 ta' Dicembru, 2018 u t-22 ta' Jannar, 2019, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, (vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Yaris) mehud b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentament indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' kitba, tpingija jew b' mod iehor, bidel, hassar, sfigura jew zied xi haga f' licenzja ta' xi vettura bil-

mutur, jew qieghed fuq vettura diska ta' licenzja li giet mibdula, thassret, giet sfigurata jew li gie mizjud xi haga fiha;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort' ohra minn dik moghtija minn Transport Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

4. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, saq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni;

5. u aktar talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D) nhar l-20 ta' Mejju, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. u aktar talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ohra imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D) nhar l-14 ta' Mejju, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. u finalment talli, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D) b' digriet datat 09 ta' Gunju, 2017, permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest b' diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja u kif ukoll taht garanzija personali ta' €500.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna rrevoka contrario imperio tad-digriet li bih Roderick Cilia inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat

u kif ukoll tordna li s-sommom bhala depozitu u / jew garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra mill-tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil Roderick Cilia milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-21 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Lulju 2019:

1. Sabet lill-imputat mhux hati tar-reat ikkontemplat fir-regolament 44 (3) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta, u illiberatu minnu;
2. Sabet lill-imputat mhux hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u illiberatu minnu;
3. Wara li rat l-Artikoli 334 (a), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 44 (5) tal-Ligi Sussidjarja 368. 02 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tar-reati fihom ikkontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta' erba' (4) snin.

Rat ir-rikors tal-appellanti Roderick Cilia minnu pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-addebitu tar-recidiva, u tat-tieni imputazzjoni, u jitlob li thassara u tannullaha, fil-parti fejn sabet lil l-imputat hati ta' l-ewwel, tat-tielet, tar-raba', hames u sitt imputazzjonijiet u ghar-ragunijiet suesposi, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

L-Ewwel Aggravju jirrigwarda l-apprezzament ta' provi li sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti. L-appellant umilment jirrileva illi, fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiema, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Illi l-appellant umilment jirrileva li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju ragonevoli.

Jigi rilevat li bla dubju ta' xejn l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellant/imputat, huma veri u dan ghaliex, kif ighid l-awtur Taljan ***Manzini*** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale - Vol III, Kap IV, pagna 234, edizzjoni 1896:***

*"Il cosi detto onero della prova cioe` il carico di fornire spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u dan sal-grad ta' konvinciment morali tal-gudikant, dan ukoll kif stabbilit fil- gurisprudenza taghna fost l-ohrajn fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-03 ta' Marzu 2000.

Fil-kamp penali, dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeciedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultawlha mill-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi.

Huwa ghalhekk l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid taghmlu billi, bil-provi taghha twassal lil min irid jiddeciedi, sa dak il-grad ta' konvinciment morali, bla dubbju dettat mir- raguni. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x' seta' gara probabbilment jew possibbilment, ma jikkostitwux ebda prova valida.

Minn naha l-ohra, l-appellant/imputat, prezunt innocenti, m' ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista' jaghmlu anke jekk jasal sal-grad tal-probabbli. Ara **Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 1998.

Illi tenut kont tas-suespost, mill-atti jirrizulta li l-appellant ma pproduca l-ebda prova, u rrilaxxa zewg stqarrijiet, fejn fihom spjega l-fati tal-kaz. Jirrizulta li l-appellant stqarr li l-vettura tal- ghamla Toyota li nstaghbet fil-pussess tieghu, kienet giet f' idejh ghax sellifielu certu 'Paul', ragel ta' karnaggjon skura, fit-8 ta' Jannar, 2019. L-appellant jispjega li hu kien qieghed il-Hamrun, u kien qed jitkellem fuq il-fatt li marritlu l-magna tal-karozza tieghu, u meta dan 'Paul'

semghu jghid hekk, offrielu li jikrilu l-vettura tieghu peress li kien se jsiefer bejn it-8 ta' Jannar u 3 ta' Frar, 2019. L- appellant qal li ma immaginax din li kienet misruqha ghax ma kellhiex wires maqtughin.

L-appellant gie mitlub mill-Pulizija sabiex jaghtihom aktar dettalji dwar dan u huwa stqarr li dan Paul ma kienx Malti u li hu kien jafu fil-pjazza tal-Hamrun. Huwa ma kienx jaf kunjom dan Paul, l-indirizz tieghu u lanqas fejn jahdem. Ghalkemm kien jaf li siefer, ma kellux dettalji rigward l-itineraju tieghu. L-appellant kompla jispjega wkoll lil Pulizija li hu u Paul kienu ftehmu li jhallsu hamsin ewro (€50) bhala self ta' din il-vettura, u mbaghad Paul qallu "tini xi haga ohra meta nigi lura", pero ma kellux idea kemm kien ghad fadallu flus xi jtieh, ghax ma ftehmux. Il-partijiet ma kienu iffirmaw l-ebda skrittura ghal kirja ta' din il-vettura, u li Paul ma kien tah l-ebda ricevuta ghal €50 li kien diga tah.

Fl-istqarrija tieghu, l-appellant sahansitra ta lill-Pulizija in-numru tal-mobile ta' dan Paul, pero l- Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Robert Vella xehed li sa dak in-nhar li xehed hu - u cioe sat-18 ta' Frar 2019 – il-Pulizija kienet ghada ma rnexxiliex taghmel kuntatt ma' dan Paul.

In vista tal-premess, l-appellant jirrileva li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju.

F' dan l-istadju, l-appellant jaghmel referenza ghal elementi tar-reat ta' ricetazzjoni. Jigi rilevat li l-gurisprudenza nostrana hija kopjuza ghal dak li jirrigwarda t-tifsira tal- elementi ta' ricetazzjoni. Issir referenza ghal wahda mill-ewwel insenjamenti illi saret in materja mill- Imhallef l-***Onorevoli William Harding,*** fejn fil-ktieb tieghu ***Recent Criminal Cases Annotated*** jaghmel riferenza ghall-kawza "**The Police versus Joseph Bugelli and other**s" fejn jghid fost affarijiet ohra,jispjega li l-elementi ta' ricetazzjoni huma:

> *"Three conditions are essentials, that is: (a) that previously, there has been the commission of an offence against property; (b) that the accused has received, or purchased, or in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods."*

L-appellant umilment jirrileva li t-tielet element huwa mankanti, stante li ma giet prodotta l-ebda prova li l-appellant kien kkonsapevoli li l-origini tal-vettura in kwistjoni kienet illegali.

Illi it-Tieni Aggravju jirrelata mal-piena inflitta. Minghajr pregudizzju ghal ewwel aggravju, tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuq l-appellant, kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta;

F' dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; **Il-Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza **l-Pulizja vs Carmen Buttler**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009) , il-Qorti

kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F' dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) . Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

> *F' dan il-kaz partikolari, ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.*

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia:*
>
>> *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. <u>Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.</u>*

L-esponenti ummilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-esponenti jinsab fiha.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-eduta tas-26 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-ewwel lok l-appellant ilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ghalhekk talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta tat il-gudizzju taghha. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; Il**-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

---

ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003**, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali**

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li xhud wieħed waħdu,jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq

---

**Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991

ix-xhieda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4]

Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5],

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghallliberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5]

Illi għalhekk din il-Qorti għandha teżamina fid-dettal ix-xhieda u l-provi kollha li resqet il-prosekuzzjoni f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat:**

**Sephen Cachia** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2019 u dan ghan nom u in rappresentanza ta' Tranposrt Malta. Spjega li gie mtlub jghamel ricerka fuq iz-zewg vetturi wahda bin-numru tar-registrazzjoni GBJ 105. Mir-ricerka li ghamel irrizulta li din hija vettura tal-ghamla Toyota Yaris ta' kulur griz u hija registrata fuq Joan,dne Schembri u ilha hekk registrata sa mill-21 ta' Awwissu 2009. Huwa esebixxa okument li gie markat bhala dok SC1.

Gie mitlub jghamel ukoll ricerka fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni KBG 105 u mir-ricerka li ghamel irrizulta li din hija vettura tal-ghamla Toyota Hilux ta' kulur iswed Din il-vettura hija registrata fuq Nicholas Schembri u ilha hekk registrata sa mis-6 ta' Frar, 2004 u ghadha hekk registrata sa illum. Din il-vettura giet iggaraxxjata nhar id-29 ta' Novembru, 2017 u ghadha hekk garaxxjata ma Transport Malta Il-pjanci taghha kienu gew ritornati lil Transport Malta u ghalhekk supppost qeda tinzamm go garage biex jieqfu il-licenzji sakemm effettivament terga tigi degaraxxjata u jerga johrog il-log book. Huwa pprezenta dokument iehor li gie markat bhala dok SC2.

**Joanne Schembri** xehdet nhar it-18 ta' Frar 2019 u spjegat li f'Dicembru, 2018 kienet marret il-Marsa ghal xi rehearsels ta' kuncert u waslet hemm ghal habta tas-7.00p.m Dahlet fil-kazin u appena spiccaw ir-rehearsals harget barra u ma sabitx il-vattura taghha hemm fejn kienet hallietha. Ghalhek marret taghmel rapport l-ghassa. Il-vettura hija tal-ghamla Toyota Yaris numru ta' registrazzjoni GBJ 105. Qalet li kienet halliet il-vettura ipparkjata ma genb il-knisja fejn il-petrol station ta' Paul & Rocco hdejn bibien kbar celesti speci ta' mhazen. Mistoqsija

jekk tafx lill-akkuzat tghid li ma tafux. Qalet li l-vettura kienet hemm bejn is-7.00p.m sat-8.00p.m.

Spjegat li meta marret biex tiftah il-karozza bdiet tfittex ic-cwievet u ma sabtihomx tassumi li kienu waqghulha. Ghalkemm x'gara minnhom ezatt ma tafx. Qalet li zgur li ghalqet il-karozza bir-remote u minn ghaliha li tefghathom fil-basket izda ezatt x'gara minnhom ma tafx.

**L-ispettur Robert Vella** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2019 u spjega li fl-20 ta' Dicembru 2018 ghall-habta tat-8.00p.m il-pulizija tal-Marsa kienu ircevew rapport min Joanne Psaila fejn din infurmathom li kienet ipparkjat il-vettura taghha tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni GBJ 105 gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa. Qalet li kienet ipparkjatha hemm xi siegha qabel u x'hin irritornat lura ghall-vettura ndunat li l-vettura ma kienitx ghadha hemmhekk. Irraportat ukoll li ma kienitx sabet ic-cwievet tal-vettura li suppost kellha fil-pussess taghha. Il-pulizija marru fuq il-post biex jaraw jekk kienx hemm xi CCTV cameras izda irrizulta fin-negattiv u ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha tas-soltu u cioe li infurmaw lil tal control room li kienet giet rapprotata misruqa karozza. Dan issir biex jekk ikun hemm xi unit fit triq u jinnotawha jinformawhom biha.
Jghid li eventwalment wara xi xahar u cioe nhar it-22 ta' Jannar 2019 ghall-habta tas-7.30 p.m il-pulizija tal-ghassa tal -Hamrun gew infurmati li l-vettura instabet fil-pusess ta' certu Roderick Cilia detentur tal-karta ta' identita numru 10078 meta dan kien mar gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun biex jiffirma il-bail book.

Spjega li l-vettura instabet bil-pjanci bin-numri differenti u cioe kellha in-number plate numru KBG 105 li kienu jirriuzltaw li jidhru fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Hilux ta' certu Nicholas Schembri li jirrisjedi ir-Rabat. Irrizulta li ll-pulizija tal-ghassa taz Zejtun kienet irceviet telefonata anonima fejn gew infurmati li Roderick Cilia kien qed jghamel uzu minn vettura li fuqha kien

hemm xi tahwid. Allura dakinhar meta mar jiffirma huma baqghu mixjin warajh. Rikbu warajh waqfuq u zammewh sabiex jghamlu l-verifiki kollha necessarji fuq l-imsemmija vettura. Kien gie infurmat dakinhar b'dak kollu li gara u kien ta istruzzjonijiet fllimkien ma l-ispettur Wayne Camilleri li dakinhar kien qieghed *duty officer* gewwa il-Hamrun sabiex l-istess Roderick Cilia jigi arrestat u li l-vettura tittihed ghal aktar invetigazzjoni gewwa ic CID yard gewwa il-kwartieri Generali tal-pulizija. Dakinhar kien informa lil Magistrat ta' l-ghassa l-allura Dr Aaron Bugeja b'dak li kien irrizulta u ovvjament kien tahom permess li izommu lis-sur Cilia arrestat ikkonvalida l-arrest ta' aktar minn sitt sieghat.

L-ghada filghodu u cioe nhar it-23 ta' Jannar, 2019 Roderick Cilia kien gie mitkellem mill-ipsettur Wayne Camilleri gewwa l-ghasa tal Mrsa fejn sarulu numru ta domandi. Dakinhar l-itss Roderick Cilia kien ghazel li jirrispondi d-domandi li saulu peri huw akein stqarr li l-vttura kienet giet mghoddija lilu minn persuna ta karbaggjon skura li kul ma qalilhom u li jismu Paul u tahom il-mobile number u li sa akinahr li xehed stqarr li ma setghux jghamlu kutntt meighu. Peres li l-verjoni moghtiaj fl-ewwel stqarriaj tighu ma keintix daqshekk kredibbli hadulu it-tieni stqarrija u dan rega afferma l-istes haga u cioe li kien hem mpersuna li ghadditlu l-vettura liema persuna kien iltaqa' maghha gewwa l Hamrun.

Eventwalment kelmu lil Nicholas Schembri u cioe il-pesuna li fuqu kellu regitrat il-vettura biin-numru KBG 105 fejn dan stqarr li hu iggaraxxja l-istess evttura. Is-sur Schembri kien anke ghadhielhom id-dokumenti, iema dokumenti gew esebiti u jindikaw lil-vettura giet 'cancelled' u in-number plates kienu gew ritornati lil Transport Malta. Ghaddiehlhom ukoll dookument mahrug mill- LESA u cioe citazzjoni li kien ricieva fuq din l-istess vettura. Il-log book gie markat bhala dok RV4 waqt li c-citazzjoni giet markata bhala dok RV5 u l-petizzjoni maghmula minn Nicholas Schmebri giet markata bhala dok RV 6. Is-sur Schembri baqa' issotni li hu kien irrtorna in-number plates lil Tranpsort Malta. Spjega ukoll li

mill-investigazzjoni irrizulta li gie nutat illi l-licenzjia t-tonda tal-windscreen kellha l-ewwel tlett numri baghbsin. Din giet esebita u markata bhala dok RV7. Huwa esebixxa ukoll ritratt ta' kif kienet tidher il-licenzja fuq il-windscreen li giet markata bhala dok RV 8. Id-dok RV 9 huwa ritratt tal-vettura minn quddiem bin-number plates KBG 105 kif instabet fil-pusses tal-akkuzat. Gie prezentat ukoll ritratt iehor tal-vettura minn wara li gie markat bhala dok RV 10.

Mill-investigazzjoni maghmula mil-pulizija tal-forensika rrizulta li n-number plates m'humiex number plate shih. Kienu nofs number plate KBG u n-nofs l-iehor u cioe bin-numri 105. Dawn kienu iwweldjati ma xulxin. Kien hemm nylon li kien qed jghatti il-qasma li bih kien impoggut in-number plate. Hawnhekk fil-verita il-vettura ma kellhiex in-number plate KBG 105 l-originali. Huwa esebixxa r-rapport tal-pulizija li gie markat bhala dok RV 11. Esebixxa l-istqarrija li get markata bhal dok RV 14 u zewg dikjarazzjonijiet tar-rifjut li gew markati bhal dok RV 12 u dok RV 13 rispettivament. It-tieni stqarrija giet markata bhala dok RV 15. Huwa esebixxa ukoll formalment il-vettura li giet markata bhala dok RV 16. Esebixxa l-ircevuta ta' meta ttiehdet il-vettura li giet markata bhal dok RV 17. Nhar il-25 ta' Marzu 2019 rega xehed u esebixxa erba' sentenzi li inghataw fil-konfront tal-akkuzat. L-erba' sentenzi fihom il-konnotati tal-akkuzat. Dawn is-sentenzi gew markati bhala dok RV 18 sa RV21. Qal li kien talab ukoll sabiex jinghata xi kopji ta' sentenzi ohra izda ma kienux ghadhom lesti. Qal li dawn is-sentenzi inghtaw mill-Qorti tal-Magistrati u appell fuqhom ma kienx hemm.

Muri id-dokument RC3 a fol. 16 tal-process jghid li dan huwa id-digriet li l-prosekuzzjoni qed tallega li kien hemm ksur tieghu fis-seba' imputazzjoni. Dan jirrigwarda ksur tal-Artikolu 412A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qal li kien hemm zewg sentenzi ohra wahda minnhom datata 9 ta' Ottubru, 2014 moghtija mill-allura Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona u ohra moghtija nhar id-29 ta' Frar, 2016 moghtija mill-allura Magistrat Dr Aaron Bugeja.

**PS 1042 Aaron Caruana** xehed u spjega li nhar it-22 ta' Jannar, 2019 il-pulizija tal-ghassa taz-Zejtun giet infurmata anonimament li Roderick Cilia kien qed jghamel uzu minn vettura li x'aktarx kienet misruqa. Ghall-habta tas-7.05 pm Roderick Cilia li gharaf prezenti fl-awla bhala l-akkuzat mar jiffirma l-ghassa b'vettura li kellha n-number plates KBG 105 u li kienet tal-ghamla Toyota Hilux. Huma iccekkjaw ic-chassis number tal-vettura li kien tal-vettura GBJ 105 u li kienet giet misruqa mill-Mosta u ghalhekk informaw lill-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun biex ikomplu bl-investigazzjoni min naha taghhom. In-numru KGB 105 kien jghajjat vettura tal-ghamla Toyota Hilux.

Illi b'digriet datat 3 ta' April 2019 l-qorti ordnat ir-rilaxx tal-vettura f'idejn Joanna Schembri u dan wara li tassigura li tottjeni in-number plates tajbin mill-Malta Transport.

**PS 1500 Alfred Cutajar** xehed nhar il-25 ta' Marzu 2019 u spjega kif nhar l-20 ta' Dicembru 2018 kien *night watch duty* gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Marsa fejn ghall-habta tat-8.00 – 8.15 p.m certu Joanne Schembri marret tirraporta li meta marret biex tirkeb il-vettura taghha ma sabithiex fejn kienet hallietha. Il-vettura kienet tal-ghamla Toyota Yaris numru tar-registrazzjoni GPG 105. Ghaddew messagg fuq is-sistema sabiex forsi il-kollegi taghhom li kienu patrol jiltaqghu ma din il-vettura fit-triq.

Nhar it-22 ta' Jannar 2019 kien xoghol *second watch* l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fejn ghall-habta tas-7.30 p.m gie infurmat minn surgent tal-ghassa taz-Zejtun u cioe minn PS 1042 li kien ghadha kemm dahlet persuna l-ghassa tiffirma l-*bail book* u cioe Roderick Cilia li kien qed isuq l-vettura Toyota Yaris izda bi pjanci mibdula. Huwa informa lill-ispettur Robert Vella b'dak li sar jaf u dan ordna li ssir search fil-vettura u informa lil garaxx tal-pulizija sabiex jibghatu *tow truck* biex jigbru l-vettura u johduha d-depot. Muri dok RV 11 a fol. 58 tal-process u jghid li dak hu ir-rapport li ghamel hu stess wara li kien gie rapportat l-incident.

Il-vettura huwa ma rahiex izda PS 1042 kien baghat xi ritratti u huwa ghaddihom lill-ispettur Robert Vella. Dawn jinsabu a fol. 57 tal-process et seq markati bhala dok RV 8, RV 9 u RV 10.

**PC 529 Eman Ellul** xehed nhar il-25 ta' Marzu, 2019 u muri d-dok RV 13 u RV 14 a fol. 64 et seq tal-process u jghid li dawk huma l-istatements rilaxxjati mill-akkuzat fil-presenza ta' l-ispettur Wayne Camilleri gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Marsa.

**PC 841 Raymond Mallia** xehed nhar il-25 ta' Marzu 2019 u stqarr li ghall-habta tas-7.30 – 8.00pm kien cempillu s-surgent 1500 u qallu biex jghamel search fil-karozza li kien rikeb Roderick Cilia l-akkuzat prezenti fl-awla. Jghid li mieghu kien hemm zewg pulizija ohra u fil-vettura ma kienu sabu xejn. Is-surgent qallu biex itella lil Roderick il-lock up u jiehdu l-vettura gewwa l-garaxx tal-pulizija. Qal li s-surgent kien infurmah li l-vettura x'aktarx kienet misruqa u li ma kellhiex in-numru taghha. Is-search sar quddiem l-ghassa tal-pulizija taz Zejtun.

**PC 1405 Dylan Gerada** xehed nhar il-25 ta' Marzu, 2019 u qal li nhar it-2 ta' Jannar, 2019 kin xoghol second watch u ghall-habta tas-7.00 dahlet informazzjoni anonima li Roderick Cilia kien qed jghamel uzu minn karozza li kien fiha xi 'tahwid'. Qal li peress li din il-persuna kienet tiffirma l-ghassa qghadu jistennewh gej biex jiffirma u ghall- habta tas-7.05p.m raw lil Roderick Cilia ghaddej b'vettura Toyota Yaris bin-number plates li kellha maghha KBG 105 ipparkjata fuq *reserved parking* tal-lotto li jigi quddiem l-ghassa stess. Rawh hiereg mill-vettura u jidhol l-ghassa u hemmhekk infurmawh li kellhom bzonn ikelmuh dwar il-vettura. Marru hdejn il-karozza u spezzjonawha. Meta bdew jiccekkjaw fuq is-sistema indunaw li n-number plate KBG 105 ma kienx jaqbel mac-chassis number li kellu fuq il-windscreen. Ic-chassis kien jghajjat il-vettura Toyota Yaris waqt li n-number plate KBG 105 kien jghajjat vettura Toyota Hiux. Meta iccekjaw ic-chassis number tal-karozza suppost in-number plate kien GBJ 105.

Irrizultalhom li din il-vettura GBJ-105 tal-ghamla Toyota Yaris giet misruqa nhar l-20 ta' Dicembru 2018. Peress li l-vettura giet misruqa mill-Hamrun huma infurmaw lill-pulizija tad-distrett tal-Hamrun biex ikomplu bl-investigazzjoni dwarha.

**Karen Cremona ghan-nom ta' Transport Malta** xehdet nhar il-25 ta' Marzu, 2019 u pprezentat elenku ta' vetturi li kienu registrati fuq Roderick Cilia. Qalet li kien hemm tnax-il vettura, sitta minnhom kienu skrapjati ufficcjalment mill-Awtorita, hamsa garaxxjati u wahda minnhom tidher li kienet 'on the road' pero l-licenzja taghha skadiet fit-30 ta' Gunju, 2003. Dan id-dokument gie markat bhala dok KC1.

L-**Ingineer Jean Paul Azzopardi** xehed nhar it-8 ta' April, 2019 u dan wara li kien gie nominat b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar, 2019 biex jezamina n-number plates li kienu gew esebiti u markati bhala dok MP1 minn PS 826.  Dan qal li huwa kien gie mitlub sabiex janalizza erba' pjanci li kien gabar u kkonkluda li n-numri fuq in-number plates u l-ittri ma kienux fuq number plate wahda. L-identification number ta' Transport Malta ma kienitx tghajjat lill-istess vettura. Huwa kellu zewg pjanci bin-numri KBG 105 izda il-verita hi li l-parti tal-pjanca KGB kienet tigi minn pjanca ohra li kienet fuq Citroen Cs Pluriel li fil-verita kienet KBG 595 u mhux KBG 105. Qal li kien hemm zewg pjanci li inqatghu fin-nofs u jigifieri nofs minn pjanca u nofs minn pjanca ohra. L-identification number kienet fuq l-ewwel nofs tal -pjanci jigifieri l-105. Il-pjanci huma antiki u illum ikollhom QR code fuq kull naha tal-pjanca. Dawn il-pjanci li ezamina ma kellhomx identification ohra. Huwa esebixxa r-rapport tieghu li gie markat bhala dok JPA 1 u irritorna l-istess pjanci lura lil Qorti.

**Max Borg Bonello** xehed nhar it-8 ta' April, 2019  in rappresentanza ta' Argus Insurance u appuntu fuq il-vettura Yaris numru GBJ 105. Qal li din kienet inxurjata bejn l-1 ta' Awwissu, 2018 u l-polza taghha kienet tiskadi fil-31 ta' Lulju,

2019. Kienet inxurjata *comprehensiv*e fuq il-valur ta' €6,000. Dan kien il-market value taghha dak iz-zmien Huwa pprezenta schedule tal-polza li giet markata bhal dok MBB1.

**Nicholas Schembri** xehed nhar it-8 ta' April 2019 u spjega li huwa kellu vettura tal-ghamla Toyota Spacecab bin-numru ta' registrazzjoni KBG 105 izda kien igaraxxjaha. In-numri taghha kien hadhom it-Transport Malta meta igaraxxjaha. Huwa pprezenta *animo retirandi* fl-atti l-logbook u l-cancellation tal-vettura li kienet iggaraxxjata li gew markati kollettivament bhala dok NS1. Ikkonferma li kien ukoll ircieva ticket tal- over speeding mill-camera tal-barrani taz-Zejtun u esebixxa kopja taghha li giet markata bhala dok NS2 flimkien ma kopja tal-petizzjoni li kien ghamel fuq c-citazzjoni li giet markata bhala dok NS3.

**Spettur Wayne Camilleri** xehed nhar il-15 ta' Mejju, 2019 u spjega li fit-22 ta' Jannar 2019 hall-habta ta-7.30 p.m kien gie infurmat mill-ghassa tal-pulizija li certu Roderick Cilia li gharaf prezenti fl-awla bhala l-akkuzat kien mar l-ghassa bil-vettura li ma kienitx tieghu. Waqt li dan kien qed jiffirma l-ghassa ghamlu l-verifiki taghhom u rrizulta lil pulizja li l-pjanci ma kienux jaqblu mal-ghamla tal-vettura. Il-pjanci fuq il-vettura kienu KBG 105. Dawn in-numri kienu jghajtu vettura tal-ghamla Toyota Hilux li kien gie skrapjat. Wara raw li l-vettura li kienet fil-pussess tieghu kienet giet rapportata misruqa mill-Marsa nhar l-20 ta' Dicembru 2020. Din il-vettura kellha n-numru GBJ 105 u l-vettura kienet tghajjat lil certu Joanne Psaila.

Irrizulta li l-pjanci fuq il-vettura ma kienux dawk mahruga minn Transport Malta u kienu bicca pjanca minn number plate u bicca min number plate ohra u cioe KBG 595. Il-bicca li giet maqtugha kienet tghajjat lil certu Carmelo Grech li tghajjat lil karozza Citroen u anke kien sar rapport fuqha li l-pjanca kienet giet misruqa.

Huwa dakinhar ta' ordni biex il-vettura tinzamm u tigi ezaminata mill-forensika u l-akkuzat jigi arrestat. L-ghada ta' dan l-akkadut Joanne marret ghand il-pulizija u gharfet il-karozza bhala dik li kienet taghha u li kienet giet misruqa xahar qabel.

Fit-23 ta' Jannar, 2019 ha l-istqarrija ta' l-akkuzat u li tinsab esebita a fol. 64 u 65. Dan qallu li l-vettura kien sellifhielu certu Paul pero ma tax id-dettalji tieghu ghax qal li ma kienx jafhom. Qalilhom ukoll li dan Paul kien imsiefer u li kien tah hamsin €50 biex jghamel uzu minnha. Qalilhom li ma kienx jaf li l-vettura kienet misruqha. Qal li l-istqarrija hadha flimkien ma l-ispettur Robert Vella.

**PS 1222 Karl Vella Cassia** xehed nhar il-15 ta' Mejju 2019 u kkonferma li nhar il-21 ta' Dicembru, 2018 ghall-habta tal-10.00p.m kien mar il-kwerelant Carmelo Grech li kellu l-vettura tieghu ipparkjata fi Triq Derby il-Marsa u rraporta li xi hadd kien seraqlu in-number plates tal-vettura tieghu. Huwa ghamel rapport fuq il-post gewwa l-ghassa. Kien baghat lil pulizija jiccekjaw izda ma kienx hemm cameras fuq il-post. Huwa esbixxa ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok KVC 1.

**Stephen Cachia** xehed nhar il-15 ta' Mejju, 2019 u qal li kien qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta. Qal li kien gie mitlub jghid fuq liema vettura kienet registrata in-number plate KBG 595 u irrizulta li kienet fuq vettura tal-ghamla Cirtoen Citrix Duriel ta' kulur orangjo. Din il-vettura hija registrata fuq Carmel Grech u ilha hekk registrata sa mill-14 ta' Marzu, 2017. Jghid ukoll li r-registrazzjoni ta' din il-vettura nbidlet fl-24 ta' Dicembru, 2018 u gie jaqra n-numru KCA 269. Dan inbidel peress li s-sid u cioe Carmelo Grech kien ghamel rapport li nsterqulu l-pjanci u ghalhekk inghata pjanci godda, log book gdid, kif ukoll licenzja gdida bin-numru KCA 269. Huwa pprezenta id-dokumentazzjoni li giet markata bhala dok SC1.

**Carmel Grech** xehed nhar id-19 ta' Gunju 2019 u kkonferma li kien ghamel rapport partikolari datat 21 ta' Dicembru, 2018 fejn stqarr li kien hareg mid-dar ghall-habta tad-9.30 a.m u huwa mixi lejn il-karozza tieghu li kienet ipparkjata fi Triq Derby, Marsa induna li ma kellhiex in-number plate. Qal li dan sehh erbat ijiem qabel il-Milied u mar jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija. Spjega li lejliet kien ipparkja l-vettura tieghu u l-ghada filghodu ma sabx iz-zewg number plates hemm. Muri r-rapport a fol. 188 jikkonferma li dan hu ir-rapport li kien ghamel huwa stess gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Marsa.

Nhar is-26 ta' Gunju, 2019 l-prosekuzzjoni irrinunzjat ghas-seba' imputazzjoni peress li ma setghetx tirrizulta mill-provi.[6]

Rat ukoll li n-nota tas- **Senior Probation Officer Gordon Grech** li biha informa lil qorti li l-ufficcjal tal-Probation Deborah Farrugia kienet giet nominata biex isegwi lil Roderick Cilia pendenti l-proceduri kriminali permezz ta' Ordni ta' Supervizjoni f'din l-istess kawza skond id-digriet tat-23 ta' Jannar, 2019.

Rat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation datat 18 ta' Settembru 2019 fejn l-ufficcjal tal-Probation Deborah Farrugia  u din spjegat li minn Jannar, 2019 sa Settembru, 2019 l-akkuzat inghata hmistax-il appuntament li minnhom attenda ghal hamsa biss. Testijiet tal-urina li saru fid-dati segwenti taw rizultat negattiv ghas-sustanzi illeciti.

- 26 ta' Marzu 2019
- 3 ta' April, 2019
- 16 ta' April 2019
- 27 ta' Gunju, 2019 u
- 12 ta' Settembru, 2019

[6] Fol. 208 tal-process.

Spjegat li l-akkzuat jinsab disokkupat u qieghed ifittex xoghol. Qed jigi inkoraggut sabiex izomm kuntatt mal-key worker tieghu fi hdan l-Agenzija Sedqa minhabba li kien qata l-kuntatt kompletament. L-ikkoncernat qed jigi segwit ukoll minn Dr Joseph Tonna gewwa s-Substance Misuse Outpatient Unit u jinghata l-medicini Methadone kuljum.

Rat il-verbal tal-Qorti fejn l-ewwel Qorti wisset lill-akkuzat li ma setghax ma jattendix ghall-appuntamenti li jigu fissati ghalih u dan ghaliex fin-nuqqas ser jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu.

Nhar id-19 ta' Frar, 2000 l-ufficcjal tal-Probation Deborah Farrugia regghet ipprezentat rapport iehor[7]. Spjegat li mit-18 ta' Settembru 'l quddiem rega inghata appuntamenti ohra mad-dipartiment tal-Parole u Probation, tlieta minnhom gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi. Roderick falla l-appuntament tat-8 ta' Novembru 2019 minhabba li kien jinsab il-habs. Saru tlett testijiet tal-urina fid-dati segwenti gewwa d-dipartiment tal-Probation u Parole:-

- 20 ta' Settembru, 2019 fejn kien posittiv ghad-droga Kokaina.
- 30 ta' Settembru, 2019 fejn kien negattiv ghad-droga Kokaina.
- 28 ta' Ottubru, 2019 fejn kien negattiv ghall-presenza ta' sustanzi illeciti.

Roderick Cilia dahal il-habs fis-7 ta' Novembru, 2019 fejn qieghed jinzamm inkarcerat minhabba li ma hallasx multa ta' madwar €4,000. Huwa ghandu jinzamm gewwa l-habs sa madwar it-12 ta' Marzu 2000, madankollu huwa jishaq li ghandu multa ohra u ghadu mhux deciz ihallashiex jew jiskontha il-habs. Skond informazzjoni migbura minghad CO David Mellors jidher li meta dahal il habs fis-7 ta Novembru 2019 kien posittiv ghad-droga Kokaina u Eroina. Sar test tal-awrina iehor gewwa l-Agenzija tas-servizzi tal-Komunita nhar il-25 ta' Jannar 2020 u dan irrizulta negattiv ghal sustanzi illeciti.

---

[7] Fol. 223

Sakemm ilu l-habs l-akkuzat jidher li fizikament iktar f'sahtu. Huwa qieghed jirrifletti fuq hajtu u sahansitra naqas mill-kuntatt mat-tfajla tieghu liema relazzjoni kienet negattiva f'hajtu u kienet twaslu sabiex ikompli jaghmel uzu mid-droga. Roderick applika anke ghal akkomodazzjoni mal-Housing Authority kemm ilu l-habs sabiex jipprova itejjeb il-qada socjali tiehu. Huwa baqa' jkollu ukoll appuntamenti mal-key worker tieghu mill-agenzija Sedqa, s-sur Aaron Azzopardi gewwa l-habs.

Illi nhar l-11 ta' Mejju 2020 l-uficcjal tal-probation Deborah Farrugia ipprezenta rapport iehor fejn ikkonfermat li Roderick kien ghadu qed jinzamm gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi fejn huwa qieghed jaghmel zmien inkarcerat minhabba li ma hallasx multa dovuta. Ghalkemm l-ufficcjal tal-Probation ghamlet talba mal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi sabiex tkun provduta d-data tar- rilaxx tal-ikkoncernat dan ma kienx success.

Skond informazzjoni migbura  minghand David Mellors test tal-urina li sar gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi fl-24 ta' Jannar, 2020 irrizulta fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti. Roderick ghadu qieghed jigi segwit mill-key worker tieghu Aaron Azzopardi mill-Agenzija Sedqa. Madankollu l-ahhar laqgha kienet fi Frar fejn Roderick wera x-xewqa mas-sur Azzopardi li meta johrog mill-habs jixtieq isib l-impieg u jghix hajja tajba. Ghalkemm is-sur Azzopardi prova li jghamel laqgha ma Roderick darbtejn ohra wara din iz-zjara dan ma kienx success minhabba li darba minnhom kien qieghed il-Qorti u darb ohra kien hemm sitwazzjoni fid-division fejn jinsab u ma kienx possibli li jattendi ghal din il-laqgha.

Minhabba li s-sitwazzjoni tal-COVID 19 f'Malta kemm iz-zjarat tal-Ufficcjal tal-Probation u kif ukoll il-key worker min naha ta' Agenzija Sedqa kellhom jitwaqfu. Minn kuntatt li sar bit-telefon ma Roderick jirrizulta li nbidlitlu d-division li kien fiha bhala kastig minhabba li kellu ammont ta' bozoz fic-cella

aktar milli huwa permissibli. Roderick kien iddispjacut b'dan l-akkadut specjalment minhabba li kellu jibdel d-division. Apparti minn hekk Roderick ippartecipa bis-shih waqt sessjonijiet mal-Ufficcjal tal-Probation u qed juri rieda li jixtieq jghix hajja 'l boghod mid-droga. Dan qed jurih mhux biss milli baqa' f'kuntatt mal-Agenzija Sedqa izda billi qieghed jahdem sabiex johrog jew jahdem b'mod posittiv fuq relazzjoni li kellha effett negattiv fuq il-vizzju tad-droga u li ghandu ghal bosta snin.

Illi nhar l-1 ta' Settembru, 2020 l-Ufficcjal tal-Probation regghet pprezentat rapport biex tinforma l-Qorti dwar l-andament tal-akkuzat. Spjegat li mit-2 ta' April, 2020 l-akkuzat kien qed jinzamm gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi sal-20 ta' Lulju 2020. Matul dan il-perjodu, Roderick kien qieghed ibaxxi d-doza ta' methadone li jiehu fejn minn 100 cc irnexxilu inizilha ghal 50 cc. Ghalkemm huwa kien nizzel iktar dan l-ammont sahansitra ghal 28cc huwa kellu jerga jzidu minhabba li kien qieghed jigi sick.

L-Ufficcjal tal-Probatiton regghet ippruvat taghmel kuntatt ma Roderick fil-5 ta' Awwisu, 2020 izda dan ma rrispondiex. B'hekk intbaghat messag b'appuntament ghat-18 ta' Awwissu, 2020 izda ghalkemm huwa ra l-messagg xorta wahda ma attendhiex. L-ghada l-ufficcjal tal-probation irceviet telefonata minghand omm l-akkuzat fejn hija qaltilha li ma kienx attenda ghall-appuntament minhabba li ma kellux l-informazzjoni kollha tal-appuntament, madankollu huwa kellu d-detttalji kollha miktubin fuq il-messagg.

Huwa nghata appuntament iehor ghall-24 ta' Awwissu, 2020 li thalla ma ommu izda ghal darb ohra rega falla. B'hekk intbaghat appuntament iehor ghat-3 ta' Settembru, 2020 permezz ta' ittra. L-ufficcjal tal-probation tinsab ikkoncernata fuq il-fatt li kemm ilu li harg mill-habs Roderick falla l-appuntamenti moghtija lilu u b'hekk ma setghetx issir is-supervizjoni mehtiega.

L-akkuzat ma xehdx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt li jghamel pero a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irrilaxxja zewg stqarrijiet esebiti fl-atti a fol. 65 et seq. Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata nhar it-23 ta' Jannar, 2019. [8] Mistoqsi x'kien qed jghamel bil-karozza tal-ghamla Toyota Yaris bil-pjanci ta' karozza ohra jghid li ma jafx. Jikkonferma li kienet giet moghtija lilu fl-istat li kienet. Mistoqsi jekk jafx li din l-istess vettura kienet giet misruqa nhar l-20 ta' Dicembru, 2018 il- Marsa jghid li ma jafx xejn. Qal li l-vettura kienet ilha ghandu mit-8 ta' Jannar, 2019. Qal li kien il-Hamrun jitkellem li kellu l-hsara fil-vettura tieghu u kien hemm ragel bl-isem ta' Paul li qallu li kellu isiefer nhar it-8 ta' Jannar 2019 u jirritorna lura fit-3 ta' Frar 2019 u setgha juzaha nelfrattemp u hekk ghamel. Mistoqsi jghid min hu dan Paul jghid li persuna mhux Maltija u li ghandha karnaggjon skura. Mistoqsi biex jaghti iktar dettalji dwaru bhal per ezempju kunjomu jew indirizz, jghid li ma jafhomx salv li jkun il-pjazza tal-Hamrun. Jghid li jahseb li mar lura f'pajjizu. Kien talbu €50 u li kellu itih xi haga ohra meta jirritorna. Mistoqsi jekk ghandux il-mobile phone tieghu jghid li ghandu u huwa 77743300. Qal li huwa kien jarah biha fil-fatt dik il-gimgha dejjem biha kien. Mistoqsi jekk kienx jaf li kien qed isuq bla insurance jghid li ma kienx jaf ghaliex fil-fehma tieghu jekk ghandek road license ghandek insurance. Mistoqsi jekk ghandux xi ircevuta minghand Paul dwar l-uzu tal-vettura jghid li m'ghandux.

Fit-tieni stqarrija[9] rilaxxjata nhar it-23 ta' Jannar, 2018 esebita fl-atti a fol. 68 u qal li huwa ghadu ta' l-istess fehma dwar dak li kien qal antecedentement u ma ried ibiddel xejn minn dak li kien stqarr qabel. Rega irrepeta li kien ta lil Paul is-somma ta' €50 biex jghamel l-uzu minnha. Mistoqsi kemm kien ser itih flus mar-ritorn tieghu hawn Malta jghid li ma jafx ghaliex ma kienux ftiehmu. Jghid li huwa ma xtarax din il-vettura ghas-somma ta' €50 izda silifha biss. Jghid li lil din il-persuna jafha il-pjazza tal-Hamrun u ma jafx jekk tahdimx jew le.

---

[8] Dok RV 14 a fol. 65 tal-atti
[9] Dok RV 15 a fol. 68

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-akkuzat hati ta' l-ewwel akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba akkuza tal-hames u tas-sitt akkuza, tat-tmien akkuza u cioe li hu recidiv ai termini tal-artikolui 49 u 50 tal-kodici Kriminali u mhux taht l-Artikolu 289 ta' l-istess kap. Ma sabitux hati tat-tieni akkuza u ghahekk illibetu minnha u rat li l-prosekuzzjoni kienet irtirat is-seba akkuza u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha. Dwar dawk l-akkuzi li sabitu hati taghhom ikkundannatu erba' snin prigunerija.

**Dwar l-ewwel akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni jinghad is-segwenti:_**

Kif irritjeniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali filkawza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs George Schembri [10]**, "*min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-rovenjenza, hu hati ta' ricettazzjoni*".

Illi f'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (vide: P. Vs. John Briguglio[11] ; **P vs George Tabone[12]** ; u **P. Vs Tancred Borg** [13]) gie ddikjarat illi l-element formali jkun sodisfatt anke jekk l-akkuzat jircievi jew jixtri oggetti filwaqt li jkollu jew inkella jmissu jkollu suspett li l-persuna li tatu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' tali oggett b'mod illecitu, u madanakollu xorta jilqa` jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta li l-pussess ta' dik il-persuna lohra kien wiehed legittimu, u mhux kif kien qieghed jissuspetta hu.

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Apri, 1992
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Gunju 1961
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Gunju 1961
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru 1998

Fl-appell kriminali inferjuri fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Piscopo**[14], il-Qorti rritjeniet illi:

> *"Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali."*

L-istess Qorti f' Appell Kriminali tal-24 ta' Gunju, 1961 preseduta mill-Imhallef Harding kienet ezaminat l-element tax-xjenza fir-reat ta' ricettazzjoni:

> *"L-element tax-"scienter" huwa mehtieg ghall-integrazzjoni tar-reat tar-ricettazjoni. Dan l-element jista` jirrizulta miccirkustanzi tal-kaz partikulari; imma is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenz, legittima jew le, taloggett li jkun ser jixtri jew jilqa`, minghajr ma jaghmel ilverifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat."*

Fil-kawza: **Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb et**[15]., deciza millQorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 1998, ilQorti rriteniet illi:

> *"Fir-ricettazzjoni, ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali ta-serq,fis-sens li hija xjenza li tista` tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz..."*

L-assjem tal-provi juri b'mod car u inekwivoku illi r-reat ta' ricettazzjoni jissussisti bla dubju ta' xejn fil-kaz fl-ismijiet fuq premessi. Skond ma taghallimna l-gurisprudenza nostrana fil-materja, jekk il-provi, anke jekk kollha cirkostanzjarji, juru bic-car li l-akkuzat kien konxju tal-provenjenza illegali tal-vettura, jew li kien messu ragjonevolment ikun jaf bl-istess, allura dawk il-provi

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-21 ta' Marzu, 1953
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru 1998

mehudin ilkoll flimkien, fl-assjem taghhom, iwasslu sa dak il-grad ta' prova rikjest mill-ligi ghal dik li hija l- ewwel(1) akkuza. Illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-akkuzat m'ghandhomx mis-sewwa. B'dan li qal l-akkuzat zgur li ma pprovda l-ebda prova biex jirribatti l-allegazzjoni jew ahjar l-akkuza tal-prosekuzzjoni. L-akkuzat jispjega li kien fil-pussess tal-vettura ghaliex siehbu bla ma jaghti l-ebda dettal dwaru kien selifilu waqt li kien ser ikun imsiefer. Mistoqsi aktar informazzjoni dwar min hu siehbu jghid li huwa persuna ta' karnaggjon skura bl-isem ta' Paul. Izda ma kien jaf xejn aktar dwaru u lanqas fejn joqghod. Jghid biss li kien jarah il-Hamrun fil-pjazza izda lanqas ressaq xi nies li jafuh biex jikkoloboraw l-esistenza tieghu. Jghid li dan selliflu l-vettura ghas-somma ta' €50 somma ferm irrizorja meta tqis li suppost kellha tkun ghandu ghall-perijdou ta' xahar. Jghid li kellu itih xi flus appena jirritorna lura izda fejn mar u kemm kien l-ammont jghid li ma jafx u ma kienux ftiehmu. Mistoqsi jekk kienux iffirmaw xi ftehim bejniethom jghid li ma kienx hemm. Semghet dak li kellu xi jghid ukoll l-ufficcjal prosekutur ix-xhieda tieghu li huma pprovaw jghamlu komunika ma dan l-allegat 'Paul' fuq in-numru moghti lilhom mill-istess appellant pero ma irnexxilhomx. Ghalhekk dan l-agir tal-appellant kif rifless fl-istqarrijiet tieghu jiskreditaw l-istess xhieda moghtija tieghu u kwindi, mill-provi prodotti, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bid-dovut rispett, ma setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li l-appellant ghamel uzu minn vettura minn marka ta' registrazzjoni ohra minn dik moghtija minn Transport Malta jinghad li l-ligi ma tesigix li l-uzu ghandu isir b'mod koxjenti jew ahjar ix-xjenza li hija rikjesta ghall-akkuzi l-ohra. Il-ligi titkellem sempliciment bil-kelma 'ghamel uzu'. M'hemmx dubju minn dak li irrizulta mill-process li l-appellant ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Toyota Yaris proprjeta ta' Joanne Schembri wara li din kienet gie misruqa mill- Marsa nhar l-20 ta' Dicembru, 2018 meta kellha pjanci tal-karozza li kienu weldjati u li ma jirriflettux in-numru ta' registrazzjoni li din

l-istess vettura kellha ma Transport Malta. L-espert spjega kif fil-fatt kull pjanca kienet maghmula minn zewg bicciet ta' pjanci ohra li jghajtu vetturi ohra. Din it-tielet akkuza ghalhekk tirrizulta ukoll.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe li l-appellant ghamel uzu minn vettura meta ma kienx kopert bil-polza ta' sigurta m'hemmx dubju li din tirrizulta ukoll. L-appellant li ghandu obbligu iressaq l-prova li l-vettura li kien qed isuq kellha polza t'assigurazzjoni li tkopriha. F dan il-kaz minkejja li l-onus tal-prova kienet tghajjat lill-appellant dan ma ghamel xejn u ma ressaq l-ebda prova izda strah fuq il-provi imresqa mill-prosekuzzjoni. Konsegwentement din l-akkuza tirrizulta ukoll.

Dwar il-hames u sitt akkuza l-appellant gie akkuzat li kkommetta r-reati fuq imsemmija waqt l-operat ta' zewg sentenzi sospizi imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' Gudikatura Kriminali wahda minnhom deciza fl-20 ta' Mejju, 2015 u l-ohra nhar l-14 ta' Mejju, 2018. Iz-zewg sentenzi jinsabu esebiti fl-atti u ghandhom l-istess konnotati tal-appellant odjern. M'hemmx dubbju li r-reati li taghhom qed jinsab hati l-appellant sehhew fil-perijodu operattiv ta' dawn iz-zewg sentenzi.

Dwar l-akkuza tar-recidiva din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti qed issibu hati ukoll talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex is-sentenza li nghatat nhar it-13 ta' Novembru 2009 ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai termini tar-recidiva.

Din il-Qorti ma ser tghid xejn dwar it-tieni akkuza stante li ma nstabitx hati minnha minn l-ewwel Qorti u appell mill-Avukat Generali ma giex intavolat u lanqas ma hi ser tikkummenta dwar is-seba' akkuza stante li dik giet rinunzjata mill-prosekuzzjoni matul il-proceduri.

Ghalhekk bhal l-ewwel Qorti din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha salv dik tat-tieni akkuza minn liema akkuza qed tilliberah u talli ma hux recidiv ai termini tal-artikolu 89 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qeghda ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' akkuza stante li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni stess pendente lite.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta mill-piena imposta mill-ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma tieghu kienet wahda eccesiva.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'** [16]:

'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[17] , **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[18] u ohrajn.)' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi**[19] : il-Qorti kkunsidrat li 'Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-14 ta' Gunju, 1999
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-24 ta' April, 2003
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li 'stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.'

Din il-Qorti rat li l-piena imposta taqa' fil-parametri tal-ligi. Rat li l-appellant ghandu hdax il-kundanna minn dawn il-qrati diversi reati fosthom ksur tal-ligijiet tad-Dwana, pussess semplici kif ukoll aggravat tad-droga, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, serq aggravat u tali kkaguna feriti gravi fuq persuna u zewg kundanni ohra ta' feriti fuq ufficcjali publici waqt li kienu qed jaqdu d-dmirijiet taghhom. Jinghad ukoll li l-appellant gja inghata tlett probation orders, inghata hames sentenzi sospizi fosthom zewg sentenzi sospizi li huwa qed jinstab hati taghhom f'dawn l-istess proceduri u piena wahda karcerarja. Izda jidher car li l-appellant ma tghallem xejn minn dawn l-opportunitajiet li nghataw lilu.

Jirrizulta ukoll minn ezami tal-provi ta' dan il-process li anke inghata opportunita li jirriforma ruhu bl-ghajnuna ta' ufficcjal sorveljanti izda anke hawn naqas milli jikkopera u izegwi id-direttivi moghtija lilu  Kien biss meta kien il-habs li deher li kien qed jimmotiva ruhu li jghin lilu innifsu izda appena rega instab barra il-konfini tal-habs rega abbanduna l-ghajnuna tant mehtiega tal-ufficcjal sorveljanti.

Ghalhekk f'dan il-kwadru, il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-piena moghtija mill-ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm

fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta ta' erba' snin prigunerija effettiva. Oltre dan tordna li ai termini tal-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin moghtija permezz tas-sentenza fl-ismijiet premessi preseduta mill-Magistrat Josette Demicoli nhar l-20 ta' Mejju, 2015 tigi reza operattiva. Tordna ukoll li ai termini ta' l-istess artikolu 28A (1) tal-Kap 9 li l-piena ta' prigunerija ta' tlieta u tlettin jum sospizi ghal sentejn moghtija b'sentenza fl-ismijiet premessi per Magistrat Ian Farrugia nhar l-14 ta' Mejju, 2018 tigi reza operattiva.

Ghalhekk b'kollox l-appellant ghandu jghamel perijodu ta' prigunerija ta' sitt (6) snin u tlieta u tletin (33) jum prigunerija.

In oltre qed tikkonferma li l-appellant ghandu ihallas l-ispejjez tal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema spejjez ghandhom jithalsu fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza b'dan illi jekk jonoqs li ihallas dan l-ispejjez l-ammont dovut jigi konvertiti fi pigunerija.

Tikkonerma ukoll l-ordni tal-ewwel Qorti li tiskwalifika lill-appellant milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' tnax- il xahar millum.

Tikkonferma l-ordni tal-konfiska tal-pjanci tar-registrazzjoni esebiti f'dawn l-atti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur